# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 783/21/1 CFS**

**Robert Calleja bħala l-mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Avimecc SPA**

**v.**

**Emika Maria Watanabe**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur *nomine* minnu ppreżentat fis-6 ta' Awwissu, 2021, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, ħamsa u erbgħin elf, tliet mija, sebgħa u għoxrin Euro erbgħa u sittin ċenteżmu (€145,327.64) rappreżentanti prezz ta' prodotti mibjugħa u kkonsenjati lill-intimata fuq inkarigu tagħha stess, u dan kif jirriżulta mir-rendikont anness u mmarkata bħala '**Dok. AV2**';

2. Illi minkejja illi l-intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmi ammont lis-soċjetà rikorrenti, inkluż permezz t'ittra uffiċjali datata l-11 ta' Frar 2021 bin-numru ta' referenza 576/2021 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. AV3**'), l-intimata baqgħet inadempjenti;

3. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dan il-kreditu ta' mija, ħamsa u erbgħin elf, tliet mija, sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€145,327.64) huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;

4. Illi l-intimata hija konsapevoli minn dawn il-fatti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

5. Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Robert Calleja personalment;

Għaldaqstant, tgħid l-intimata għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-intimata vera, ċerta u likwida debitriċi versu s-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, ħamsa u erbgħin elf, tliet mija, sebgħa u għoxrin Euro erbgħa u sittin ċenteżmu (€145,327.64) rappreżentanti prezz ta' prodotti mibjugħa u kkonsenjati lill-intimata fuq inkarigu tagħha stress;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex minnufih tħallas is-somma ta' mija, ħamsa u erbgħin elf, tliet mija, sebgħa u għoxrin Euro erbgħa u sittin ċenteżmu (€145,327.64) lis-soċjetà rikorrenti bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mil-liġi mis-17 ta' Ġunju 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata illi minn issa nġunta in subizzjoni".

2. Rat illi b'digriet tal-4 ta' Ottubru, 2021, l-Ewwel Qorti dderemiet l-ewwel talba billi tat lill-konvenuta l-permess li tikkontesta l-kawża;

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li in forza tagħha eċċepiet;

> "1. Illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt;
>
> 2. In line preliminari l-intimata tindika illi hi kienet intużat minn żewġha Salvatore Marzino bħala prestanome minħabba raġunijiet li hu ma kellux kontroll fuqhom u b'hekk kien f'posizzjoni illi permezz ta' martu jmexxi n-negozju mertu ta' dina l-kawża kif se jiġi ppruvat f'din il-kawża u għaldaqstant it-talbiet tas-soċjetà estera rikorrenti kif rappreżentata għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tal-intimata. Kontsetwalment ma' dina r-risposta ġuramentata l-intimata se tippreżenta rikors għall-kjamat fil-kawża ta' Salvatore Marzino minħabba dak indikat;
>
> 3. Illi in linea preliminari ukoll l-intimata u żewġha Salvatore Marzino għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni kif se jiġi ppruvat f'din il-kawża u l-intimata qed tinsisti li jekk hemm xi djun relatati man-negozju tiegħu (fosthom dan l-allegat dejn), dawn għandhom ikun ir-responsabbilità tiegħu;
>
> 4. Illi hi mhijiex edotta mill-fatti għaliex żewġha Salvatore Marzino kien imexxi u jiġġestixxi n-negozju li hemm l-allegati pendenzi mas-soċjetà rikorrenti estera f'din il-kawża;
>
> 5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suepost is-soċjetà rikorrenti għandha tipprova liema huma l-prodotti mibjugħa u talvolta konsenjati u li dawn ġew effetivament konsenjati u min iffirma għalijom (bl-inkartament kollu relattiv);
>
> 6. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-liġi".

4. Rat illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru, 2021, l-istess l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-konvenuta biex jissejjaħ fil-kawża Salvatore Marzino li, skont hi, kienet il-persuna li ħadet ħsieb in-negozju mas-soċjetà attriċi;

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru, 2022, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

"i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel talba tal-attur *nomine* biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li b'digriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2021 il-kawża tkompliet bil-proċediment ordinarju;

ii. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Emika Maria Watanabe għaliex l-ebda waħda minnhom ma ġiet ippruvata; u

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni u tielet talbiet tal-attur *nomine* u b'hekk tikkundanna lil Emika Maria Watanabe tħallas lil Robert Calleja *nomine*, is-somma ta' €145,327.64, bl-imgħax bit-8%, li għandu jinħadem mill-għada tal-konsenja tal-prodotti li hemm imniżżla f'kull fattura, skont id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuta Emika Maria Watanabe, bħala l-parti telliefa f'din il-kawża".

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"***Fatti***

13. Avimecc SPA hija kumpannija mwaqqfa fl-Italja, li twettaq negozju billi tipprovdi prodotti ta' laħam u tjur miżmumin għall-ikel biex dawn jinbiegħu fis-suq. Robert Calleja, li qiegħed jirrappreżenta lil din il-kumpannija f'din il-kawża, jgħid li lura fis-sena 2017, din ġiet imqabbda mill-konvenuta biex hija tipprovdilha dawn il-prodotti sabiex din tal-aħħar tkun tista' tbiegħhom lill-konsumaturi f'Malta;

14. Skont l-attur *nomine*, il-kumpannija Avimecc SPA kienet provdiet lill-konvenuta prodotti, li b'kollox jiswew €145,327.64, u li s'issa għadhom ma tħallsux. Huwa jfisser li l-konvenuta kienet pruvat tħallas parti minn dan l-ammont permezz ta' numru ta' ċekkijiet, iżda kien irriżulta li dawn ma setgħux jiġu msarrfa. Jgħid ukoll li Avimecc SPA sejħet lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammont hawn fuq imsemmi diversi drabi, inkluż b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar, 2021, iżda hija baqgħet b'xejn;

15. Għalhekk, fis-**<u>6 ta' Awwissu, 2021</u>** infetħet din il-kawża sabiex Avimecc SPA tiġbor l-ammont ta' €145,327.64 mingħand il-konvenuta u kif ukoll l-imgħaxijiet fuq din is-somma maħduma skont il-liġi;

16. Imbagħad, fit-**<u>28 ta' Frar, 2022</u>**, l-attur *nomine* ressaq kwerela kontra l-konvenuta fejn huwa ilmenta li fil-perijodu ta' bejn Jannar u Frar tas-sena 2018, il-konvenuta kienet ippruvat tħallas lil Avimecc SPA tal-

prodotti li provditilha, permezz ta' diversi ċekkijiet li ma kinux jissarrfu. Sa dakinhar hija kienet għadha debitriċi tal-imsemmija kumpannija fl-ammont ta' €145,327.64. Billi ċ-ċekkijiet ma kinux jissarrfu huwa talab lit-taqsima tar-reati ekonomiċi, fi ħdan il-korp tal-Pulizija, sabiex issir investigazzjoni dwar dan l-aġir tal-konvenuta;

***Konsiderazzjonijiet***

17. Din hija kawża fejn l-attur *nomine* qiegħed jitlob li l-konvenuta tħallsu s-somma ta' €145,327.64 għal prodotti li ġew imwassla lilha u li hija baqgħet ma ħallsitx għalihom;

18. Min-naħa tagħha, il-konvenuta tiċħad li hija għandha tagħti xi flus lill-kumpannija Avimecc SPA, kif rappreżentata f'din il-kawża mill-attur, u tisħaq: (i) li hija ntużat minn żewġha Salavtore Marzino bħala mandatarja sabiex huwa jkun jista' jmexxi n-negozju tiegħu u għalhekk huwa żewġha li għandu jwieġeb għat-talbiet attriċi u mhux hi; (ii) li bejnha u bejn żewġha hemm għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni u għalhekk, jekk hemm xi djun relatati man-negozju tiegħu, dawn għandhom jitħallsu minnu; (iii) li hija ma taf xejn dwar dak li qiegħed jitlob l-attur *nomine* għaliex huwa żewġha li jmexxi n-negozju; u (iv) li l-attur *nomine* għandu jġib prova tajba, inkluż provi dokumentarji, tal-prodotti li ġew mibjugħa u li dawn ġew ikkonsenjati;

19. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta dehrilha li kellha tressaq żewġ linji difensjonali ġodda fejn hija tenniet: (i) li l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda prova li l-kumpannija u d-diretturi tagħha tassew jeżistu; u (ii) li ma jeżisti l-ebda ftehim bil-miktub dwar l-ordnijiet x'aktarx imdaqqsa li allegatament saru mill-konvenuta;

20. F'dan ir-rigward huwa magħruf fil-ġurisprudenza li n-noti ta' sottomissjonijiet m'għandhomx jintużaw sabiex jitressqu linji difensjonali li ma jkunux dibattuti qabel u li jaħsdu lill-kontroparti (ara ***Josef Farruġia v. Christopher Carabott et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 2008 u ***Avukat Dottor Melvyn Mifsud nomine v. l-Avukat Dottor Anthony Cutajar et nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020). Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Cristina pro et noe v. Eleonora Mizzi et***, li ġiet deċiża fis-27 ta' Marzu, 2003, kienet tal-fehma wkoll li,

> *«argumenti u raġjonamenti legali detotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bħala eċċezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-Qorti li tqishom bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti attriċi, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso'.»*

21. Hekk ukoll, il-liġi trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-tweġiba oriġinali tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti konvenuta tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex titħalla tressaqha (ara l-**artikolu 728(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**), ħaġa li l-konvenuta

baqgħet ma għamlitx. Fil-każ tagħna, ma hemmx dubju li ż-żewġ eċċezzjonijiet ġodda li ressqet il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kienu magħrufa lilha meta hija ħejjiet u ppreżentat ir-risposta maħlufa. Tabilħaqq, jekk il-kumpannija rappreżentata mill-attur *nomine* u d-diretturi tagħha tassew jeżistux, u jekk hemmx ftehim bil-miktub dwar l-ordnijiet li allegatament saru mill-konvenuta, hija setgħet tkun tafu meta ġiet ippreżentata t-tweġiba maħlufa. Għalhekk, lil hemm mill-fatt li l-konvenuta ma talbitx il-permess tal-qorti biex tressaq dawn l-eċċezzjonijiet, din il-qorti, f'kull każ, ma ssibx li hemm raġunijiet tajba għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma ngħatawx fit-tweġiba maħlufa tagħha;

22. Madankollu, il-qorti ma tistax tieqaf hawn, imma trid tara jekk dawn l-eċċezzjonijiet addizzjonali li ġew imressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta jistgħux jitqajmu f'kull stadju skont il-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew inkella humiex ta' sura perentorja skont l-**artikoli 731** u **732 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Sewwasew, l-**artikolu 731 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li r-regola misjuba fl-**artikolu 728 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża;

23. Għalhekk, fid-dawl ta' dak li jgħid l-aħħar artikolu hawn fuq imsemmi, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk l-eċċezzjonijiet li ressqet il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha humiex tabilħaqq ta' sura perentorja, u jekk jagħti dan il-każ, tgħaddi biex tqishom ukoll, anke jekk dawn tqajmu biss wara li l-kawża għaddiet għas-sentenza (ara f'dan is-sens ***Sunspot Tours Ltd v. C.H. Caterers Ltd***, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru, 2003, ***Victor Lia et v. Alan Gatt et***, Appell Superjuri, 25 ta' Ottubru, 2013 u ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Angelo Bonanno***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019);

24. Ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel*** maqtugħa fit-28 ta' Novembru, 2008, illi eċċezzjonijiet perentorji li jaqgħu taħt l-**artikolu 732 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** «*huma dawk li jekk jintlaqgħu jeżawrixxu għalkollox il-mertu b'mod li l-kawża ma tistax terġa' tiġi proposta kontra l-istess konvenut*»;

25. Il-qorti tqis li l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li ma jeżisti l-ebda ftehim bil-miktub dwar l-ordnijiet magħmula minnha ma toqtolx għalkollox il-mertu tal-kawża mressqa mill-attur *nomine* kontra tagħha. Wara kollox, il-ħtieġa ta' ftehim bil-miktub mhuwiex wieħed mill-elementi tal-bejgħ misjuba fl-**artikolu 1347 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-allegazzjoni waħedha li ma kienx hemm arranġament bil-miktub bejn il-partijiet ma jfissirx li l-prodotti li huma s-suġġett ta' din il-kawża ma ġewx mibjugħa. Il-bejgħ huwa perfett bejn il-partijiet jekk ikun intlaħaq ftehim dwar l-oġġett u l-prezz tiegħu u l-liġi mkien ma teħtieġ li dan il-ftehim isir bil-miktub. B'hekk, darba li din l-eċċezzjoni ma taqax fil-kategorija ta' eċċezzjonijiet li jitkellmu dwarhom l-imsemmija **artikoli 731 u 732 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din il-qorti mhijiex sejra tieħu qies tagħha;

26. Madankollu, mhux l-istess jista' jingħad dwar l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenuta fejn hija tisħaq li l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda prova dwar l-eżistenza tal-kumpannija Avimecc SPA u tad-diretturi tagħha. Jekk jirriżulta tabilħaqq li l-kumpannija Avimecc SPA ma teżistix, dan ikun ifisser li ma hemm l-ebda kreditu dovut lilha mingħand il-konvenuta, u b'hekk tiġi mnixxfa għalkollox l-azzjoni mressqa mill-attur *nomine*. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, darba li din l-eċċezzjoni hija waħda perentorja skont l-**artikoli 731 u 731 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din il-qorti sejra tgħaddi biex teżaminha;

27. Mingħajr ħafna tidwir mal-lewża, il-qorti ttenni minnufih li din l-eċċezzjoni tal-konvenuta għandha mill-fieragħ. Matul l-istadju tal-provi tiegħu, l-attur *nomine* ressaq bħala prova dawn li ġejjin: (i) prokura mogħtija lil Robert Calleja mill-kumpannija Avimecc SPA sabiex huwa jiftaħ din il-kawża f'isimha, li ġiet iffirmata minn Michele Leocata; (ii) affidavit ta' Michele Leocata, li xehed li huwa direttur u azzjonist tal-kumpannija Avimecc SPA; u (iii) numru ta' fatturi maħruġa mill-kumpannija Avimecc SPA li kollha għandhom l-intestatura ta' din il-kumpannija, li tinkludi l-indirizz tagħha, in-numru tat-telefown u tal-magna ta' faksimile tagħha, il-*website* tagħha, l-indirizz elettroniku tagħha, u kif ukoll in-numru fiskali tagħha;

28. Il-konvenuta kellha ċ-ċans kollu biex jekk trid, waqt l-istadju tal-provi tagħha, hija tipprova twaqqa' dawn il-provi kollha, iżda hija m'għamlet xejn minn dan, tant li matul il-kawża hija baqgħet ma ressqet l-ebda prova. Li kieku hija riedet tindaga dwar l-eżistenza tal-kumpannija Avimecc SPA hija setgħet faċilement għamlet il-kontro-eżami ta' Michele Leocata. Kemm hu hekk, hija wettqet biss il-kontro-eżami ta' Robert Calleja, u matulu huwa ma ġie mistoqsi l-ebda mistoqsija dwar l-eżistenza ta' din il-kumpannija u tad-diretturi tagħha;

29. B'hekk mhuwiex siewi min-naħa tal-konvenuta li fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali hija tipprova tnissel dubju dwar l-eżistenza tal-kumpannija Avimecc SPA, meta kienet hija stess li matul is-smigħ tal-kawża aċċettat, b'mod taċitu, l-eżistenza tagħha. Fuq kollox, mit-tagħrif mogħti dwar din il-kumpannija minn Robert Calleja u Michele Leocata, din il-qorti m'għandha l-ebda dubju li din il-kumpannija tassew teżisti. Għalhekk din l-eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda;

30. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-qorti tista' issa tgħaddi biex tqis dak li huwa l-qofol tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet. Min-naħa tiegħu, l-attur *nomine* ressaq affidavit ta' Michele Leocata fejn dan xehed li l-kumpannija Avimecc SPA kienet ġiet imqabbda mill-konvenuta Emika Maria Watanabe biex tipprovdilha prodotti ta' laħam u tjur miżmumin għall-ikel. It-twassil ta' dawn il-prodotti lill-konvenuta kien wieħed regolari tant li kienet issir konsenja darbtejn fil-ġimgħa. Maż-żmien, il-konvenuta bdiet issibha diffiċli biex tħallas u meta Avimecc SPA kienet talbitha biex tħallas dak kollu li kien dovut, hija kienet wiegħbet li kienet sejra tħallas fil-qrib. Kemm hu hekk, hija ppruvat tagħmel xi ħlasijiet

permezz ta' ċekkijiet iżda rriżulta li dawn ma setgħux jissarrfu u ma ġewx aċċettati mill-bank. Dan kollu ġie kkonfermat ukoll minn Robert Calleja waqt ix-xiehda tiegħu;

31. Biex isostni t-teżi tiegħu, l-attur *nomine* ppreżenta wkoll numru ta' fatturi maħruġa fuq isem il-konvenuta li jammontaw għas-somma totali ta' €145,327.64, li skontu baqgħu ma tħallsux minnha, u kif ukoll kopji taċ-ċekkijiet li ma setgħux jissarrfu (ara minn paġna 44 sa paġna 142 tal-atti tal-kawża). Dawn il-fatturi u l-kopji taċ-ċekkijiet ġew ikkonfermati bil-ġurament minn Robert Calleja;

32. Fuq in-naħa l-oħra, il-konvenuta tisħaq li hija m'għandha x'taqsam xejn ma' dan id-debitu u tgħid li hija kienet sempliċiment qiegħda taġixxi bħala mandatarja ta' żewġha li kien imexxi n-negozju;

33. Issa, skont l-**artikolu 1857(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-mandat m'għandux għalfejn isir bil-miktub, iżda jista' jkun verbali jew saħansitra taċitu (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2021). Fil-każ tagħna, il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar dan il-mandat u ma tat l-ebda ħjiel jekk dan kienx ingħatalha minn żewġha bil-fomm jew bil-miktub. Lanqas ġie mressaq żewġha bħala xhud biex jikkonferma l-eżistenza ta' dan il-mandat;

34. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Perit Hector Żammit v. Date Limited*** deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effetti tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu (**artikolu 998 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Makta**), sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha (**artikolu 999(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor;

35. Il-qorti tqis li tabilħaqq hija ħaġa minn ewl id-dinja li persuna normalment tikkuntratta għaliha nnifisha u dan sakemm ma jiġix muri li hija tkun qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor jew li l-kontraent l-ieħor ikun mgħarraf li dik il-persuna qiegħda tagħmel hekk f'isem ħaddieħor (ara ***Charles Torne et v. John Mallia Borġ***, Appell Inferjuri, 3 ta' Diċembru, 1999). Tassew, il-piż tal-prova li min ikun ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din (ara ***George Debono nomine v. Edgar Pugliesevich nomine***, Appell Kummerċjali, 9 ta' April, 1976, ***Frank Ċilia nomine v. Charles Scicluna***, Qorti tal-Kummerċ, 27 ta' April, 1992 u ***Savior sive Aldo Portelli v. Isabel Delia Barratt*** A&CE, Appell Inferjuri, 11 ta' Jannar, 2006);

36. Huwa prinċipju miżmum fil-ġurisprudenza li fin-nuqqas ta' provi dwar dan, jew f'każ ta' dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt; anzi dan

għandu jiġi eskluż (ara ***Troplong***, *Mandato Nru. 50* ikkwotat fis-sentenza miġjuba fil-Kollezzjoni tad-Deċiżjonijiet Vol. XLII – II f'paġna 203, u s-sentenzi fl-ismijiet ***Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna noe v. Onor Dr. Giorgio Borġ Olivier noe***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Frar, 1958, ***J. Lautier Co. Limited v. Alfred Cutajar***, Appell Superjuri, 4 ta' Novembru, 2005, ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel***, Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2008 u ***John Falzon et v. KML Manufactoring Limited et***, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 20 ta' Ġunju, 2013);

37. Kif ingħad qabel, il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar il-mandat li hija ngħatat minn żewġha Salvatore Marzino. Iżda anke li kienu stess inġabet prova bħal din, waqt li l-konvenuta kienet qiegħda twettaq negozju mal-kumpannija Avimecc SPA, hija kellha l-obbligu li tgħarraf lil din il-kumpannija li l-prodotti kienet qiegħda tordnahom fl-interessi ta' Salvatore Marzino u mhux tagħha. Mill-provi mressqa fl-atti ma jirriżultax li l-konvenuta għamlet xi tagħrifa bħal din. Għalhekk, fin-nuqqas ta' din it-tagħrifa, il-preżunzjoni hija li l-konvenuta kienet qiegħda tinnegozja f'isimha (ara f'dan is-sens ***Emanuel Spiteri et pro et noe v. John Peresso et***, Appell Inferjuri, 15 ta' Frar, 2006 u ***Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co. Ltd***, Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009);

38. Wara kollox, il-fatturi maħruġa minn Avimecc SPA inħarġu kollha f'isem Emika Maria Watanabe. Huwa wkoll ċar minn dawn il-fatturi, li min kien jiffirma għat-twassila ta' dawn il-prodotti, kien dejjem jagħmel dan f'isem il-konvenuta. Dawn il-fatturi huma mifruxa fuq diversi xhur u għalhekk jekk kien fihom xi żball f'dak li jirrigwarda l-persuna li nħarġu fuqha, kif qiegħda tgħid il-konvenuta, billi hija qiegħda tallega li dan id-debitu mhuwiex tagħha iżda ta' żewġha Salvatore Marzino, kien hemm biżżejjed żmien għaliha biex tintebaħ bl-iżball u tiġbed l-attenzjoni tal-kumpannija Avimecc SPA (ara f'dan is-sens ***J. Lautier Co. Limited v. Alfred Cutajar***, Appell Superjuri, 4 ta' Novembru, 2005);

39. Madankollu, hija m'għamlet xejn minn dan, u għalhekk id-difiża tagħha li hija ma taf xejn dwar dan id-dejn u li hija kienet qiegħda taġixxi f'isem żewġha mhijiex waħda fejjieda. Lanqas hija tajba l-eċċezzjoni tagħha li bħalissa tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni minn ma' żewġha għaliex il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova f'dan is-sens u għalhekk din l-allegazzjoni baqgħet ma ġietx pruvata;

40. Il-konvenuta tgħid ukoll illi l-attur *nomine* ma rnexxilux iġib prova tajba li l-prodotti li tagħhom huwa qiegħed jitlob il-ħlas tassew twasslu lilha u tisħaq ukoll li l-fatturi u r-rendikonti maħruġa minn Avimecc SPA mhumiex awtentikati;

41. Il-qorti tqis li r-rendikonti u l-fatturi misjuba f'paġni 44 sa 142 tal-atti ġew ikkonfermati bil-ġurament minn Robert Calleja. Hekk ukoll, Robert Calleja xehed li l-prodotti li hemm imniżżla fil-fatturi li ġew ippreżentati fl-atti ġew ordnati mill-konvenuta u li l-prodotti kienu jiġu

mgħobbija f'vetturi minn nies li kienu mqabbda mill-konvenuta stess, fosthom żewġha. Minbarra dan, huwa fisser li f'kull fattura li ġiet ippreżentata hemm indikat x'kienu l-prodotti, kemm jiswew, il-piż tagħhom, min kien il-klijent u l-firma ta' min kien jgħabbi x-xogħol (ara paġna 40 tal-atti tal-kawża). Il-qorti fliet dawn il-fatturi u jirriżultalha li dak li spjega Robert Calleja huwa minnu. Jirriżulta wkoll li l-ammont totali tal-fatturi kollha magħduda flimkien huwa dak li qiegħed jitlob l-attur *nomine* fit-talbiet tiegħu, jiġifieri €145,327.64;

42. Minkejja dak li targumenta l-konvenuta, il-qorti tqis li l-fatturi li ġew ippreżentati u kkonfermati bil-ġurament minn Robert Calleja jagħmlu prova konkludenti, u mhux meruta, tal-prodotti li ġew imwassla minn Avimecc SPA lill-konvenuta. Bil-maqlub ta' dak li sottomess mill-konvenuta, darba li l-attur *nomine* xehed u ppreżenta rendikont u fatturi dettaljati ta' dak li qiegħed jitlob bħala ħlas, l-oneru tal-prova biex twaqqa' l-pretensjoni attriċi dar fuq il-konvenuta. Madankollu, Emika Maria Watanabe mhux biss lanqas xehdet hija stess tul il-proċeduri iżda baqgħet ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward (ara f'dan is-sens, ***Gaetano Abdilla v. Sebastian Dalli nomine***, Appell Superjuri, 4 ta' Novembru, 2005 u ***Patrick Cachia & Sons Limited v. Mario Bonniċi***, Appell Superjuri, 3 ta' Marzu, 2006). Isegwi għalhekk, li dawn l-argumenti tagħha m'għandhomx mis-sewwa;

43. Wara kollox, jinsab imtenni fil-ġurisprudenza li l-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux fuq dikjarazzjonijiet (ara ***Roberta Cassar Aveta v. Joseph Cassar Aveta***, Appell Superjuri, 8 ta' Ottubru, 2020). Is-sempliċi dikjarazzjonijiet, mingħajr is-sostenn ta' provi sostanzjali oħra, mhux dejjem u bilfors, jservu bħala prova konkreta ta' ġenwinità (ara ***John Merċieca et v. Adreanna Saliba***, Appell Inferjuri, 11 ta' Frar, 2004). Huwa ovvju li l-kawżi ma jistgħux jiġu deċiżi fuq impressjonijiet, suppożizzjonijiet jew ipotesijiet;

44. Biex il-verżjoni ta' parti tingħata widen, huwa meħtieġ li jkun hemm provi adegwati u ċari biżżejjed li jnisslu fil-ġudikant it-twemmin illi dik il-verżjoni hija l-aktar waħda li tixraq li tiġi kkunsidrata bħala attendibbli u kredibbli (ara ***Noel Radmilli et v. Marion Paċe Bonello et***, Appell Ċivili, 28 ta' Diċembru, 2001 u ***Anna Galea pro et noe v. Agricultural Co-Operative Limited***, Appell Inferjuri, 24 ta' Mejju, 2006). It-teżi tal-konvenuta ma hija kkorroborata minn ħadd, saħansitra lanqas bil-ġurament tagħha stess. Lanqas jista' jingħad li f'xi waqt l-attur *nomine* ikkontradixxa lilu nnifsu fil-verżjoni li huwa ta. Għaldaqstant, id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-konvenuta fit-tweġiba maħlufa tagħha u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha mhumiex biżżejjed biex ixejnu l-verżjoni tal-attur *nomine*;

45. Fl-aħħar nett, il-konvenuta targumenta wkoll li l-attur *nomine* mhuwiex korrett meta jgħid li hija ppruvat tħallas parti sostanzjali mill-ammont dovut permezz taċ-ċekkijiet li ma kinux jissarrfu għaliex dawn iċ-ċekkijiet inħarġu minn kont bankarju li huwa kemm tagħha u kif ukoll ta' żewġha Salvatore Marzino;

46. Il-qorti fliet iċ-ċekkijiet imsemmija u jirriżultalha li huwa minnu li dawn iċ-ċekkijiet inħarġu minn kont bankarju, li huwa kemm tal-konvenuta u kif ukoll ta' Salvatore Marzino. Madankollu, dan l-argument tal-konvenuta ma jista' jkun tal-ebda fejda għaliha għaliex xorta jibqa' l-fatt li l-kont minn fejn ħareġ iċ-ċekk kien jgħajjat lilha wkoll. Barra minn hekk, il-fatt li l-kont jgħajjat ukoll lill terza persuna ma jfarfarx ir-responsabbilità minn fuqha, peress li skont l-**artikolu 1148 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-ħlas jista' jsir minn terzi mingħajr ma tinbidel il-persuna tad-debitur (ara ***Emanuel Spiteri et pro et noe v. John Peresso et***, Appell Inferjuri, 15 ta' Frar, 2006 u ***Acma – Inox and Metal Limited v. George Cauchi et***, Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 2022);

47. Jiġi b'hekk, li l-konvenuta ma tistax targumenta b'suċċess li hija m'għandha x'taqsam xejn mad-dejn li l-attur *nomine* qiegħed jitlob li jiġi mħallas minnha minħabba s-sempliċi raġuni li kien sar attentat ta' ħlas ta' parti minn dan id-dejn minn kont bankarju li hija żżomm flimkien ma' terz;

48. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, filwaqt li qiegħda tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur *nomine* sabiex il-konvenuta tħallsu s-somma ta' €145,327.64;

49. Dwar l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali dwar il-provvista ta' laħam u tjur miżmumin għall-ikel. Anke min-naħa tal-konvenuta jirriżulta li hija kienet involuta f'atti tal-kummerċ għaliex hija kienet qiegħda tixtri l-prodott bil-ħsieb li terġa' tbiegħhom (ara **artikolu 5(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ**);

50. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021). Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, persuna li twettaq attività ekonomika waħidha;

51. Skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali

Ewropew hija ta' 0,00%. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

52. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

53. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

54. Fil-każ tagħna, skont il-fatturi li ġew ippreżentati fl-atti mill-attur *nomine*, il-ħlas għall-prodotti mibjugħa kellu jsir mal-konsenja tagħhom. Dan ifisser li l-imgħax għandu jinħadem mill-għada tal-konsenja tal-prodotti li hemm imniżżla f'kull fattura, skont id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv";

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

"1. tirrevoka u tħassar *contrario imperio* d-digriet tal-5 ta' Novembru 2021 u għaldaqstant jissejjaħ fil-kawża Salvatore Marzino u l-atti jerġgħu jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti biex jerġgħu jinstemgħu dawk il-provi skont il-Liġi;

2. fin-nuqqas u alternativament ukoll tirriforma u tvarja s-sentenza appellata tat-2 ta' Dicembru 2022 billi:

(i) **tikkonferma** l-ewwel kap fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-ewwel talba tal-attur *nomine* biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-artikli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(ii) **tħassar u tirrevoka** l-bqija tas-sentenza (speċifikament t-tieni u t-tielet kap u l-kap tal-ispejjeż fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti żammet lill-attriċi Appellanti responsabbli għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri) u tilqa' minflok l-eċċezzjonijiet tal-esponenti Appellanti.

biex b'hekk jiġi li ma jkun dovut xejn u ebda ħlas mill-esponenti Appellanti lill-appellat nomine.

Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-Appellat nomine".

8. Rat ir-risposta tal-attur *nomine* li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti:

> "...tiċħad l-appell tal-appellanta fl-intier tiegħu, u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar it-2 ta' Diċembru 2022, bl-ispejjeż doppji kontra l-appellanta".

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi f'din il-kawża s-soċjetà attriċi qed issostni li hi biegħet diversi prodotti tal-ikel lill-konvenuta u għal dawn il-prodotti fadlilha titħallas is-somma ta' €145,327.64. Il-konvenuta ssottomettiet illi hi mhix responsabbli għall-ħlas ta' din is-somma peress illi hi dejjem aġixxiet f'isem u għan-nom ta' żewġha Salvatore Marzino, li miegħu għaddejja proċeduri ta' separazzjoni personali.

12. L-Ewwel Qorti sabet favur it-teżi tas-soċjetà attriċi wara li qieset li din ippruvat il-kreditu, filwaqt li l-konvenuta ma ppruvatx l-allegazzjoni tagħha.

13. Il-konvenuta appellat mis-sentenza u ressqet diversi aggravji biex issostni s-sottomissjoni tagħha li hi ma hiex responsabbli għad-dejn li tiegħu, f'kull każ, ma saritx prova. Appellat ukoll mid-digriet tal-Ewwel Qorti li bih ċaħdet it-talba tagħha għall-kjamata fil-kawża ta' żewġha.

14. Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li l-konvenuta ressqet żewġ eċċezzjonijiet ġodda fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, u dana mingħajr ma kisbet awtorizzazzjoni mill-Qorti u mingħajr ma ressqet risposta ulterjuri formali. Din il-Qorti mhux l-ewwel darba li osservat li dan mhux mod kif jitressqu eċċezzjonijiet f'kawża, iżda sejrin jiġu trattati peress li ġew ikkonsidrati mill-Ewwel Qorti.

15. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, però, ġew imwarba mill-Ewwel Qorti u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar id-deċiżjoni. L-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tinkwadra l-fatt li l-attur *nomine* ma ppruvax l-eżistenza tas-soċjetà attriċi. Din hi eċċezzjoni pjuttost fiergħa meta wieħed iqis li fl-atti hemm ix-xhieda ta' direttur tas-soċjetà attriċi li ddepona illi huwa d-direttur tagħha u ta dettalji tal-istess soċjetà kif

reġistrata ġewwa l-Italja. Il-konvenuta qatt ma kkontestat din il-parti tax-xhieda, u meta wieħed iqis li l-konvenuta ilha żmien tinnegozja mas-soċjetà attrici, tara li l-istess konvenuta ma kinitx leali meta għamlet din is-sottomissjoni. Oltre dan, kif osservat l-Ewwel Qorti, fl-atti hemm numru ta' fatturi li huma intestati f'isem is-soċjetà attriċi u juru wkoll dettalji tal-istess soċjetà.

16. Il-konvenuta qalet ukoll li ma saritx prova ta' ftehim bil-miktub dwar l-ordnijiet. Din l-eċċezzjoni hija wkoll fiergħa għax skont il-liġi mhux meħtieġ ftehim bil-miktub għall-ordni, bejgħ u konsenja ta' oġġetti mobbli bħal ma huma l-mertu ta' din il-kawża. Jekk jirriżulta li saret ordni u l-prodotti ġew konsenjati u aċċettati mill-parti l-oħra, allura jiskatta l-obbligu tal-ħlas għal dawk il-prodotti, anke jekk ma jkunx hemm ftehim bil-kitba.

17. Trattata issa l-eċċezzjoni formali mressqa mill-konvenuta, fejn tgħid li hi kienet taġixxi bħala *prestanome* għal żewġha, hawn ukoll ma ssib xejn fl-atti li b'xi mod jista' jagħti sostenn lil din l-allegazzjoni. Id-direttur tas-soċjetà attriċi xehed illi n-negozju u d-diskussjonijiet dejjem saru mal-konvenuta u din qatt ma qaltlu li kienet qed tirrappreżenta lil xi ħadd ieħor. Inoltre, meta wieħed iqis li tali allegazzjoni trid tiġi ppruvata mill-parti li tkun resqitha, huwa stramb li l-konvenuta la biss xehdet u lanqas ma ressqet lil żewġha bħala xhud. Il-fatturi u talbiet għall-ħlas

dejjem inħarġu fuqha u saru lill-konvenuta, u hawn ukoll dan juri li l-allegazzjoni tal-konvenuta baqgħet biss allegazzjoni mingħajr prova waħda ta' sostenn. Jekk l-imsemmi Salvatore Marzino għandu xi ħaġa x'jaħbi, u jekk il-konvenuta kienet kompliċi miegħu, trid tassumi r-responsabilità tal-aġir tagħha u ma tistax tkompli taħbilu u tippretendi li tinħeles minn kull responsabilità. Il-konvenuta assumiet il-briga li tinnegozja hi mas-soċjetà attriċi, u din tal-aħħar lilha biss taf. Biex titfa' r-responsabilità fuq terz kellha obbligu tagħmilha ċara li qed tinnegozja f'isem ħadd ieħor, u la dan ma għamlitux tibqa' responsabbli personalment għall-aġir tagħha. Hemm bżonn provi ċari u konkludenti biex tirnexxi difiża ta' aġir f'isem terz, iżda f'dan il-każ, kif ingħad, ma tressqet ebda *ombra* ta' prova in sostenn.

18. Għall-bqija, jirriżulta mill-atti prova tal-konsenja ta' diversi prodotti tal-ikel bħal tiġieġ, sriedaq u laħam ieħor. Saret prova wkoll li għal dawn il-prodotti ma sarx ħlas. Anzi jirriżulta li l-konvenuta ħarġet xi ċekkijiet intestati lis-soċjetà attriċi li, però, ma ġewx imsarfa mill-bank u ġew "*referred to drawer*".

19. Dwar id-digriet taċ-ċaħda għall-kjamat fil-kawża ta' Salvatore Marzino, din il-Qorti taqbel miegħu. Is-soċjetà attriċi bbażat il-kawża tagħha fuq relazzjoni kuntrattwali li kellha mal-konvenuta, u l-kawża tagħha tintrebaħ jew tintilef abbażi ta' dik il-kawżali. Kif intwera, jirriżulta

li bħala fatt, ir-relazzjoni tas-soċjetà attriċi kienet biss mal-konvenuta, u dan jikkonferma l-validità tad-digriet issa impunjat.

20. L-aggravju dwar l-imgħax ukoll ma jistħoqqlux li jintlaqa'. Skont il-liġi – Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ – intrapriża wkoll jekk titmexxa minn persuna waħidha, trid tħallas imgħax fuq pagamenti tardivi. L-Ewwel Qorti eżaminat il-materja b'debita reqqa, u din il-Qorti taqbel mal-analiżi li għamlet.

21. Għall-bqija, din il-Qorti taqbel ma' dak kollu li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, bl-argumenti tagħha komfortati b'riferenza kopjuża għall-ġurisprudenza lokali. Din il-Qorti tara li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tant hi dettaljata u studjata, li dan l-appell ma jistax ħlief jitqies fieragħ u vessatorju u sejra tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' spejjeż doppji kif talbet is-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Watanabe billi tiċħad l-istess u tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in Prim Istanza, jitħallsu mill-konvenuta Emika Maria Watanabe, u peress li tqis l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju u wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuta appellanti tħallas spejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm